DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1854

tat-18 ta' Ottubru 2021

dwar il-pożizzjoni li għandha titħieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan sakemm ikunu adottati Prijoritajiet tas-Sħubija ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra ([1]) (il-'Ftehim') ġie ffirmat fl-24 ta' Novembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2002.

(2) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni adottata l-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan bid- Deċiżjoni Nru 1/2016 ([2]) u estendihom bid-Deċiżjoni Nru 1/2018 tiegħu ([3]) sa tmiem l-2020.

(3) Fi skambju ta' ittri, iż-żewġ naħat qablu li jenħtieġ li tiġi estiża l-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE -Ġordan bħala dokument ta' gwida biex tiġi kkonsolidata s-sħubija sakemm jiġu adottati Prijoritajiet tas-Sħubija aġġornati ġodda.

(4) Skont l-Artikolu 91 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet tal-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim.

(5) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta deċiżjoni permezz ta' proċedura bil-miktub biex jestendi l-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija sakemm ikunu adottati Prijoritajiet tas-Sħubija aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

(6) Għalhekk ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha titħieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, billi d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ser ikollha effetti legali

(7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għalhekk jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha titħieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, dwar l-estensjoni tal-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan sakemm ikunu adottati Prijoritajiet tas-Sħubija aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan ([4]).

([1]) ĠU L 129, 15.5.2002, p. 3.

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 1/2016 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar qbil fuq il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan (ĠU L 355, 24.12.2016, p. 31).

([3]) Id-Deċiżjoni Nru 1/2018 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan tat-12 ta' Diċembru 2018 li tapprova l-estensjoni b'sentejn tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan (ĠU L 8, 10.1.2019, p. 34).

([4]) Ara d-dokument ST 12261/21 fuq http://register.consilium.europa.eu.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES